

[Paġna Ewlenija](#) > ... > [Teħid Ta' Azzjoni Legali](#) > [Sistemi Legali - Tal-UE U Nazzjonali](#) > [Qrati Speċjalizzati Nazzjonali](#) > [Bulgarija](#)

## Qrati speċjalizzati nazzjonali

Il-kontenut ipprovdut minn Bulgarija

Bulgarija



Din it-taqsimha tipprovdni informazzjoni dwar il-qrati speċjalizzati fil-ġudikatura Bulgara.

### Qrati speċjalizzati:

L-ebda xogħol speċjalizzat, marittimu, kummerċjali jew tipi simili ta' qrati speċjalizzati ma joperaw fir-Repubblika tal-Bulgarija.

### Qrati amministrattivi

Ġiet stabbilita sistema ta' qrati amministrattivi fir-Repubblika tal-Bulgarija meta fl-2006 ġie adottat Kodiċi ta' Proċedura Amministrattiva ġdid. Is-sistema ta' ġustizzja amministrattiva tinkludi 28 qorti amministrattiva provinċjali u l-Qorti Amministrattiva Suprema (*Varhoven administrativen sad*).

### Qrati amministrattivi

Il-qrati amministrattivi għandhom ġurisdizzjoni li jirrevedu l-azzjonijiet kollha li jfittxu:

- li jkollhom atti amministrattivi maħruġa, emendati, revokati jew annullati;
- li jkollhom ftehimiet skont il-Kodiċi ta' Proċedura Amministrattiva annullati;
- rimedju kontra azzjonijiet mhux raġonevoli jew ommissjonijiet tal-amministrazzjoni;
- rimedju kontra infurzar illegali;
- kumpens għal danni li jirriżultaw minn kwalunkwe att illegali, azzjoni jew ommissjoni minn awtoritajiet amministrattivi u uffiċjali;
- kumpens għal danni li jirriżultaw minn infurzar;
- li jkollhom l-annullament, l-invalidità jew ir-revoka ta' xi deċiżjonijiet tal-qorti;
- li tiġi kkontestata l-awtentiċità ta' atti amministrattivi skont il-Kodiċi ta' Proċedura Amministrattiva.

Kull persuna tista' tressaq azzjoni biex tistabbilixxi jekk jeżistix dritt amministrattiv jew relazzjoni legali, fejn ir-rikorrenzi għandhom *locus standi* u ma hemm l-ebda rimedju ieħor disponibbli għalihom.

Kawżi li jinvolvu kontestazzjonijiet għal atti amministrattivi individwali jinstemgħu mill-qorti amministrattiva b'ġurisdizzjoni territorjali fuq is-sede tal-uffiċċju reġjonali tal-awtorità li jkun ħareġ l-att ikkontestat, fejn l-indirizz permanenti/attwali jew is-sede tar-rikorrent ikun jinsab fiż-żona ta' l-ħuq ta' dak l-uffiċċju reġjonali. Kawżi bħal dawn jinstemgħu mill-qorti amministrattiva b'ġurisdizzjoni territorjali fuq is-sede tal-awtorità li tkun ħarġet l-att amministrattiv individwali kkontestat, fejn:

1. l-att ikkontestat għandu diversi destinatarji li l-indirizzi permanenti jew attwali tagħhom mhumiex fiż-żona ta' l-ħuq tal-uffiċċju reġjonali tal-awtorità emittenti;
2. l-amministrazzjoni tal-awtorità li tkun ħarġet l-att ikkontestat ma għandhiex uffiċċju reġjonali.

Il-kawżi li jinvolvu kontestazzjonijiet għal atti amministrattivi ġenerali jinstemgħu mill-qorti amministrattiva

b'ġuriżdizzjoni territorjali fuq is-sede tal-awtorità li tkun ħarġet l-att ikkontestat.

Il-Qorti Amministrattiva tal-Belt ta' Sofija (*Administrativen sad - grad Sofia*) tisma' kawżi jekk l-awtorità li tkun ħarġet l-att amministrattiv ikkontestat ikollha s-sede tagħha f'pajjiż ieħor.

L-azzjonijiet għad-danni jitressqu wkoll quddiem il-qorti b'ġuriżdizzjoni fuq l-indirizz jew is-sede tar-rikorrent meta l-kawżi għad-danni jingħaqdu f'tilwima ġudizzjarja msemmija fil-paragrafi 1-4.

Meta l-qorti kompetenti ma tkunx tista' tisma' każ, il-Qorti Amministrattiva Suprema tordna li l-kawża tiġi ttrasferita lil qorti amministrattiva ta' pożizzjoni ugwali.

L-atti amministrattivi li għandhom l-għan dirett tal-politika barranija, tad-difiża u tas-sigurtà tal-Bulgarija mhumiex suġġetti għal sħarriġ ġudizzjarju, sakemm il-liġi ma tipprovdix mod ieħor.

## Qorti Amministrattiva Suprema

Il-Qorti Amministrattiva Suprema għandha ġuriżdizzjoni dwar:

1. kontestazzjonijiet għal regolamenti statutorji, bl-esklużjoni ta' dawk maħruġa minn kunsilli municiġjali;
2. kontestazzjonijiet għal deċiżjonijiet tal-Kunsill tal-Ministri, il-Prim Ministru, id-Deputati Prim Ministri u l-ministri;
3. kontestazzjonijiet għal deċiżjonijiet tal-Kunsill Ġudizzjarju Suprem (*Vissh sadeben savet*);
4. kontestazzjonijiet għal deċiżjonijiet tal-Bank Bulgaru Nazzjonali u l-korpi tiegħu;
5. appelli f'kassazzjoni u appelli proċedurali minn sentenzi mill-qrati tal-ewwel istanza;
6. appelli minn partijiet fi proċedimenti kontra deċiżjonijiet u digrieti;
7. rikorsi għal deċiżjonijiet ġudizzjarji finali f'każijiet amministrattivi li għandhom jiġu revokati;
8. rikorsi li jikkontestaw atti oħra speċifikati mil-liġi.

Il-Qorti Amministrattiva Suprema għandha sezzjonijiet, li jinkludu xi kunitati. Is-sezzjonijiet huma mmexxija minn president (jew viċi president) li jista' wkoll jippresjedi fuq il-bankijiet tal-imħallfin fis-sezzjoni kkonċernata.

## Qrati speċjalizzati oħra

### Qrati militari

L-istorja tal-qrati militari tmur lura għall-1 ta' Lulju 1879. Fl-1956, il-qrati militari ġew irrestrutturati permezz ta' postijiet ta' forzi armati fl-ibliet ta' Sofia, Plovdiv, Sliven, Varna u Pleven. (Din l-istruttura ta' qrati militari għadha teżisti sal-lum il-ġurnata.)

### Qrati militari (*Voenen sad*)

Bħala qrati tal-prim' istanza, il-qrati militari jisimgħu kawżi kriminali li jinvolvu reati mwettqa minn persunal militari, ġenerali, uffiċjali, uffiċjali mhux kummissjonati u persunal komuni ta' ministeri u aġenziji oħra, persunal ċivili tal-Ministeru tad-Difiża, l-armata Bulgara, unitajiet li jirrapportaw lill-Ministru għad-Difiża, is-Servizz Nazzjonali għall-Protezzjoni u għas-Servizz tal-Intelligence Nazzjonali. Il-Qorti tal-Appell Militari (*Voенно-апелативен сад*) hija l-qorti tat-tieni istanza għal dawn il-każijiet. Il-Kodiċi ta' Proċedura Kriminali jiddefinixxi l-ġuriżdizzjoni tal-qrati militari. Dawn il-qrati għandhom l-istess statut bħall-qrati provinċjali. Il-Qorti Militari tal-Appell (qorti waħda) tisma' l-appelli (inklużi l-appelli proċedurali) minn deċiżjonijiet tal-qrati militari kollha fil-Bulgarija.

### Qorti Kriminali Speċjalizzata (*Specializiran nakazatelen sad*)

Il-Qorti Kriminali Speċjalizzata ġiet maħluqa mill-Att li jemenda u li jissupplimenta l-Att dwar is-Sistema Ġudizzjarja (ippromulgat fil-Gazzetta tal-Istat Nru 1 tal-2011). Il-Qorti Kriminali Speċjalizzata hija waħda partikolari fir-Repubblika tal-Bulgarija (ibbażata fil-belt ta' Sofia) u għandha l-istatus ta' qorti provinċjali. Il-ġuriżdizzjoni tagħha hija ddefinita mil-liġi. (L-Artikolu 411a tal-Kodiċi ta' Proċedura Kriminali jinkludi lista eżawrjenti ta' reati fil-ġuriżdizzjoni tal-Qorti Kriminali Speċjalizzata, li l-biċċa l-kbira minnhom ġew imwettqa jew ordnati minn gruppi ta' kriminalità organizzata).

Il-Qorti Kriminali Speċjalizzata tikkonsisti minn imħallfin u hija mmexxija minn president.

Il-Qorti Kriminali Speċjalizzata tal-Appell (*Apelativen specializiran nakazatelen sad*) tistħarreġ l-appelli (inklużi

appelli proċedurali) minn deċiżjonijiet tal-Qorti Kriminali Speċjalizzata. Is-sede tagħha huwa f'Sofia.

Il-Qorti Kriminali Speċjalizzata tal-Appell tikkonsisti minn imħallfin u hija mmexxija minn president. Il-Qorti Suprema ta' Kassazzjoni (*Varhoven kasatsionen sad*) hija l-ogħla qorti kriminali, li tistħarreġ deċiżjonijiet f'kassazzjoni maħruġa mill-Qorti Kriminali Speċjalizzata tal-Appell.

## Il-Qorti tal-Arbitraġġ tal-Kamra Bulgara tal-Kummerċ u tal-Industrija (AC BCCI)

L-AC BCCI ssolvi tilwim ċivili, inkluż tilwim relatat mal-mili ta' lakuni fil-kuntratti jew tibdil tat-termini u l-kundizzjonijiet tagħhom biex jiġu riflessi ċirkostanzi li qed jinbidlu, irrispettivament minn jekk id-domiċilju ta' parti waħda jew tnejn huwiex fir-Repubblika tal-Bulgarija.

L-AC BCCI saħħet il-pożizzjoni tagħha bħala istituzzjoni ewlenija ta' arbitraġġ fil-Bulgarija u tgawdi l-fiduċja pubblika minħabba x-xogħol ferm professjonali tagħha fis-soluzzjoni ta' tilwim legali. L-AC BCCI solviet 250 sa 300 tilwima internazzjonali u domestika kull sena: 82% ta' każijiet domestiċi huma solvuti fi żmien disa' xhur, u 66 % ta' każijiet internazzjonali fi żmien 12-il xahar.)

Barra minn hekk, il-Qorti tal-Arbitraġġ hija attivament involuta fit-titjib ta' leġiżlazzjoni ta' arbitraġġ. L-uniku tilwim mhux suġġett għal arbitraġġ jikkonċerna drittijiet *in rem* fir-rigward ta' proprjetà immobbli, talbiet ta' manteniment, drittijiet derivati minn relazzjonijiet ta' impjeg, u tilwim li jikkonċerna d-drittijiet morali jew il-liġi tal-familja.

## Il-bażi tad-*data* legali

### Siti web tal-qrati

Il-qrati Bulgari kollha għandhom siti web li jipprovdu informazzjoni dwar l-istruttura u l-attività tal-qorti, inklużi każijiet pendenti u magħluqa, kif ukoll informazzjoni utli oħra disponibbli għall-pubbliku.

Is-sit web tal-Kunsill Ġudizzjarju Suprem jipprovdi lista dettaljata ta' qrati fil-Bulgarija, inkluż l-indirizzi u s-siti web tagħhom (aċċessibbli bil-Bulgaru biss).

Wara li tkun ingħatat, id-deċiżjonijiet tal-qorti jiġu ppubblikati fuq is-sit web tal-qorti emittenti skont ir-rekwiżiti stabbiliti fl-Att dwar il-Protezzjoni tad-*Data Personali* u l-Att dwar il-Protezzjoni tal-*Informazzjoni Klassifikata*.

Id-deċiżjonijiet f'każijiet li jolqtu l-istat ċivili jew l-istat ta' saħħa ta' persuni jiġu ppubblikati mingħajr il-motivi tagħhom.

Aktar informazzjoni hija disponibbli fuq is-siti web li ġejjin:

- [Qorti Amministrattiva Suprema](#)
- [Qrati militari \(Voenen sad\)](#)
- [Il-Qorti tal-Arbitraġġ tal-Kamra Bulgara tal-Kummerċ u tal-Industrija \(AC BCCI\)](#)
- [Il-Qorti Internazzjonali ta' Arbitraġġ](#)

---

L-aħħar aġġornament: 20/01/2025

Il-verzjoni bil-lingwa nazzjonali hija ġestita mill-Istat Membru rispettiv. It-traduzzjonijiet saru mis-servizz tal-Kummissjoni Ewropea. Jista' jkun hemm xi tibdil imdaħħal fl-oriġinal mill-awtorità nazzjonali kompetenti li jkun għadu ma jidherx fit-traduzzjonijiet. Il-Kummissjoni Ewropea ma taċċetta responsabbiltà jew kwalunkwe tip ta' tort fir-rigward ta' kull informazzjoni jew dejta li tinsab jew li hemm referenza għaliha f'dan id-dokument. Jekk jogħġbok irreferi għall-avviż legali sabiex tiċċekkja r-regoli dwar id-drittijiet tal-awtur għall-Istati Membri responsabbli minn din il-paġna.